# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 8 ta' Ottubru 2017
Is-27 Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-liturġija tas-sebgħa u għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex naħdmu u nagħmlu l-frott f'ħajjitna.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 5, 1-7)
Il-profeta Isaija jgħidilna l-Mulej iħares l-għalqa tiegħu li fiha jaħdmu l-maħbubin tiegħu.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 79 (80), 9.12.13-14.15-16.19-20)
Il-għalqa tal-Mulej hija d-dar ta' Iżrael

**It-Tieni Qari** (Fil 4, 6-9)
Alla l-Missier jinsab magħna fil-ħidmiet kollha tagħna.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 21, 33-43)
Is-Saltna tas-Smewwiet tingħata lil dawk li tassew jagħmlu l-frott f'ħajjithom.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Ejjew nirringrazzjaw lil Alla ta' dak kollu li jagħmel magħna fil-ħidmiet li nwettqu f'ħajjitna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Aħna lkoll ulied maħbuba minn Alla.
B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.